15 ta' Ottubru 2016
90/2016

## KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-MANIKATA

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Denis Schembri bħala kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġużepp, il-Manikata.

Dun Denis twieled fid-19 ta' Awwissu 1951. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja u sekondarja fil-Kulleġġ Stella Maris, il-Gżira, u kompla l-istudji terzjarji fil-Filosofija u fit-Teoloġija, fl-Università ta' Malta.

Dun Denis ġie ordnat saċerdot fl-1979 u nħatar viċi-kappillan fil-Parroċċa tal-Isla. Huwa serva wkoll bħala viċi-kappillan fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar u bħala rettur tal-Knisja tal-Ibraġġ u tal-Knisja ta' Pembroke. Fl-1992 beda jservi bħala kappillan f'Turin l-Italja. Lura Malta, f'Settembru 2012, huwa nħatar kappillan tal-Parroċċa tal-Imtarfa.

Il-parroċċa tal-Manikata tiġbor fiha madwar 720 persuna f'200 familja.